

# Ftit Kurżitajiet f'Malta fid-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes

minn Guido Lanfranco

## Bdejna minn kmieni

Meta tqis li d-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes seħħew fl-1858, nistgħu ngħidu li d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'Malta nfirxet minn kmieni. Dan għaliex ġa kellna stabbilit minn qabel il-kult tal-Kunċizzjoni li kompla jikber l-aktar fl-ibliet tal-Kottonera bit-twaqqif ta' fratellanzi, statwi u vari, speċjalment fil-parroċċa ta' Bormla minn fejn id-devozzjoni nfirxet lejn Raħal Ġdid kemm fil-parroċċa ta' Kristu Re kif ukoll bil-parroċċa ġdida tal-Madonna ta' Lourdes.

Il-Franġiskani kollha għandhom devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni u l-Madonna ta' Lourdes, l-aktar il-Kapuċċini u l-Konventwali. Il-Freres ta' De La Salle ukoll għandhom devozzjoni lejha u fl-iskejjel tagħhom tal-Birgu u tal-Gżira ssibilhom grotta bl-istatwa. Il-Freres tal-Gżira l-ewwel kienu f'Tas-Sliema fl-1904 u mill-ewwel kienu assoċjati mal-Madonna. L-ewwelnett billi kienu fil-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema semmew il-kulleġġ għaliha imma wkoll kienu akkwistaw Villa Schinas għall-iskola fil-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena u daħlu l-ewwel darba fiha nhar il-Kunċizzjoni[1]. Mhux biss, imma l-kuruna tagħhom fiha sitt posti biex waħda minnhom tkun iddedikata lill-Kunċizzjoni li kellu devozzjoni speċjali lejha l-fundatur tagħhom Jean Baptiste de La Salle. Fuq l-altar tal-kappella tal-iskola tagħhom kellhom l-istatwa tal-Kunċizzjoni kemm f'Tas-Sliema kif ukoll meta marru l-Gżira fl-1938-39[2].

Sant'Alfonso Marija de Liguori (1696-1797) kien qaddis li nkoraġġixxa bi sħiħ id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni u jidher li l-isqof Vincenzo Labini (li dam mill-1780 sal-1807), introduċa f'Malta d-devozzjoni lejh. Hemm pittura tal-qaddis fil-parroċċa tal-Birgu, mogħtija fl-1862[3]. Fl-1875 wasal ukoll fil-knisja ta' San Lawrenz l-inkwadru tal-Madonna ta' Lourdes, wieħed mill-ewlenin fil-gżejjer tagħna, pinġut minn Carlo Cortis li kien imqabbad mill-kappillan devot Publius Farrugia[4].

## L-Innu tal-Ave Marija

Fis-27 ta' Marzu 1873, f'Malta kien sar pellegrinaġġ bix-xemgħat mixgħula (*aux flambeaux*) u jidher li dakinhar kienet tkantat l-ewwel darba l-melodija tal-Ave Marija li nisimgħu tant spiss fil-festi Marjani. Aktar tard kien kiteb il-kliem għaliha bil-Malti Dun Pietru Pawl Xuereb mill-Isla. Sadanittant, fil-bażilika tal-Immakulata Kunċizzjoni li hemm f'Lourdes tindaqq din il-melodija bil-qniepen tal-kampnar. Il-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar kellha arloġġ li kien sar fl-1753 u li fis-snin għoxrin wasal biex jinbidel. Il-kappillan Alwiġ Catania, billi kien devot u pellegrin lejn il-Madonna f'Lourdes, iddeċieda li l-arloġġ il-ġdid jinħadem b'mod li jdoqq l-Ave Marija bħal ta' Lourdes. Dan l-arloġġ, li ħadmu Salvatore Demanuele li għamillu sitt qniepen għall-melodija, ġie inawgurat f'Awwissu tal-1931 u l-isqof ikkonċeda indulġenzi għal min jgħid l-Ave Marija waqt li jisima' d-daqq tal-arloġġ. Billi l-qniepen kienu tal-ħadid ma baqgħux tajbin biżżejjed, għalhekk inbidlu ma' oħrajn tal-bronż f'Awwissu tal-2009[5].




## Il-Posta speċjali

Fl-1931 il-Kanonku Giuseppe Azzopardi, u s-sinjuri Giuseppe Galea u Giuseppe Debrincat, bil-kunsens tal-Isqof, waqqfu l-*Unione Trasporto Ammalati a*

*Lourdes* biex tieħu ħsieb twassal lill-morda li riedu jmorru Lourdes[6]. Is-sede tagħha kien fin-numru 3 Triq Federico l-Belt Valletta u għadha fl-istess triq sa llum. Sa mill-ewwel sena din l-għaqda bdiet toħroġ perjodiku ta' kull xahar bl-isem *Lourdes u l-Pellegrinaġġi* u l-editur tiegħu kien l-istess Kanonku G. Azzopardi. Dan il-perjodiku baqa' joħroġ sas-sena 1947-48 b'xi waqfien fi żmien il-gwerra[7]. F'Mejju tal-1934 din l-għaqda qassmet folja żgħira (xi 12 x 19ċm) stampata fuq żewġ naħat, mal-perjodiku tagħha. Din sejjer nikkupjaha hawnhekk bil-Malti kif kien jinkiteb dak iż-żmien, għax naħseb li ssibuha ta' nteress.



Il-morda f'Lourdes

## Posta Speċjali

Ta cull sena niġu biex nitilku minn Malta ghal Lourdes, mijiet ta devoti tal Madonna li ma ikunux jistghu jiġu maghna mal pellegrinaġġ, jitolbuna inuasslulhom l'ittri taħħom ghand il Madonna biex meta naslu hemm nixħtuhom f'caxxa li hemm ghal dan il ħsieb uara l'artal geuua l'Ghar stess fejn dehret il Madonna taħt ix'xbija taumaturga taħħa. Dan ix-xoghol ta rekka, dejjem kdejnieħ bil kalb, u mux ftit huma dauc li kalghu dak li xtaku minn ghand il Madonna. Din il Posta iuassluha il Pellegrinaggi collha li ta cull sena imorru Lourdes mid-dinja collha.

Ghalhecc aħna din is-sena ħsibna biex naktghu ix-xeuka ta ħafna li ħajruna biex inwakkfu aħna ucoll din il Posta Speciali ghal Lourdes u nittamau li bil ghajnuna t'Alla u tal Madonna li ghal kima taħħom biss sejrin nidħlu ghal din il biċċa xoghol ta risponsabbiltà, li tirnexxi bħal bosta ħidma oħra ta gid ghall'imsejcnin ħutna morda b'mard li ma jitfejjakx.

## Kif sejra tkun din il Posta?

Id-direzioni tieħu ħsieb tkassam lil min jitloba u lil associati fil periodicu taħħa *Lourdes u il Pellegrinaggi*: Envelops cbir bl'indirizz tad-Direzioni, geuua fieħ Envelops iċchen bl'indirizz ta Lourdes u ġo dan ittra biex timleu il vojt taħħa b'dac li tixtieku tghejdu lil Madonna. Meta tlestuha itnuha seuua u ghalkuha fl'envelops iż-żghejr u issigillauha biex sgur ħatt ma icun jaf x'fiha. Keghdu l'enevelops iċ-ċchejchen geuua l'envelops il cbir, ixħtu migħu bolli mux inkas minn -/3, ghalkuħ u impustauħ jeu gibuħ lid-direzzioni inthom stess mill'actar fis. Jecc tixtieku tcabbru l'offerta taghcom il Madonna tcun tafulcom.

## Ghaliex thallsu -/3 ?

1) Ghaliex dan ix-xoghol keghdin naghmluħ ghal ghajnuna tal Morda fokra li beħsiebna nieħdu maghna Lourdes.
2) Ghaliex chiecu chellcom tixtru l'envelops, carti stampati u il bolli (2 1/2d) biex tibghatu din l'ittra, contu tħallsu actar minn daks hecc u fuk collox ma taslilcomx, fil uakt li aħna inuassluhilcom sgur. Barra minn dan, ta dan ix-xoghol ħatt ma jitħallas, u ghalhecc uara li jinkatgħu li spejjes jinxteħtu mal fond tal Ghakda.
3) Ghalhecc icbar ma tcun il carità actar icollcom tama li takalghu dac li tixtieku minn ghand il Madonna.

## Cunu scruplusi bħalna

Jecc din il ħaġa ma toghġobcomx la tkattghux dina l'ittra iżda tuha lil ħattieħor li toghġbu u jimliha b'hecc ma tintilifx u ma ittellifx lil morda. Jecc tkattugha, titilkugha fejn gie gie jeu tibghatuha l'ura mictuba minnghajr l'offerta taghcom, kif semmejna, tcunu keghdin tisirku lil Fond tal Morda. Jecc ma toghġobcomx ibghatuha l'ura vojta chif baghtnihilcom, ma icun ġara xejn! Ittra mictuba minnghajr offerta tcun insult ghalecc tigi imkatta. Id-direzjoni ma tidħolx responsabbli ħlief ghal dauc l'ittri li tircievi hi direttament fl'officciu taħħa.

Il Madonna ta Lourdes tibdel fi grazzi cbar cull ghajnuna moghtija ghal morda fokra taħħa biex jistghu imorru ghandha f'Lourdes.

## Id-Direzioni

*Għaqda Maltija għat-Trasport tal Morda f'Lourdes 3, Sda. Federico, Valletta*

Wara dan jidhru in-*Nihil obstat* u l-*Imprimatur* tal-Knisja bid-dati tat-3 u l-4 ta' Mejju u fl-aħħarnett il-kliem:

Associau fil Periodicu "Lourdes u il Pellegrinaggi" organu tal ghakda fuk imsemmija.

## U f'Għawdex ukoll

Fil-knisja tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex, kien ikun hemm, almenu sa ftit snin ilu, formola stampata bit-titolu PETIZZJONIJIET LILL-MADONNA TA' PINU [8] Il-formola fiha tliet kolonni ta' kliem li jservu ta' suġġerimenti ta' grazzji li għalihom wieħed jista' jitlob, b'kaxxa żgħira ħdejn kull waħda biex timmarka fiha l-għażla jew l-għażliet tiegħek. Is-suġġetti ta' fuq il-petizzjoni huma dawn:

Impieg, Pożizzjoni aħjar, Żieda fil-paga, Suċċess fil-business, Bejgħ ta' Proprjetà, Xiri ta' Proprjetà, Għajnuna finanzjarja, Suċċess fl-Istudju, Suċċess fl-Eżami, Grazzja ta' Qrara tajba, Favur Spiritwali, Don tal-purità, Paċi tal-menti, Suċċess ta' Novena, Konverżjonijiet, Saħħa tal-ġisem, Fejqan mix-xorb żejjed, Fejqan mill-mard, Paċi fid-dar, Żwieġ ħieni, Paċi bejn il-miżżewġa, Paċi fid-dinja, Għarus Kattoliku, Għarusa Kattolika, Mewta tajba, Erwieħ tal-Purgatorju, Imħabba tal-proxxmu, Għall-Papa, Vokazzjoni reliġjuża għal Patri, Qassis, Soru, Lura għall-Fidi, . Fl-aħħar hemm spazju għal xi ringrazzjament, għal Intenzjoni Speċjali, għal Qraba jew Ħbieb morda u Qraba mejta. Fl-aħħarnett żewġ linji għall-isem u l-indirizz.

**Referenzi:**


[1] Briffa, Charles & Briffa Angela Guiding Star; a Portrait of a School as a Young Christian (1997) p.5-16

[2] Lanfranco, Guido Kuruna b'Sitt Posti Programm Festa Lunzjata, Għaqda Kulturali Armar, Tarxien (2009)

[3] Mercieca, Simon, fit-Treasures of Malta No.43 (2008) p.64-65

[4] Fiorentino, Emanuel Il-Pittura f'Malta fis-Seklu Dsatax (2006) p.113

[5] Bonavia, Carmel, Sunday Times 16 August 2009, p.46

[6] Direttorju Ekkleżjastiku e.g. 2009 p.288

[7] Sapienza, Anthony F. A checklist of Maltese periodicals (1977)

[8] Hajr Dr.Jos.M.Falzon, Tarxien (2004)



SHOE SHINE FOOTWEAR



MR & MRS CARUANA

*FOOTWEAR & LEATHER GOODS*



**SHOE SHINE, Carmelo Caruana Street, Żurrieq**

**Di DIEGO** *Lifestyle*

**Clothing & Footwear**

**Di Diego, 113, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**

***Tel:* 2164 9381, 2168 5241 *Fax:* 2164 9381**

***Mob:* 9982 1932 *E-mail:* dapaola@maltanet.net**